MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 901/2002/1

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Dennis Grima abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-ligi u l-istess Dennis Grima**

**Vs**

**Paolo Attard.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas tas-somma ta' erbgha mija u erbgha u sittin lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm464.12) rapprezentanti danni sofferti mill-attur Dennis Grima, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta attrici Fogg Insurance Agencies

Limited, abbazi tal-polza tat-tip comprehensive, salv ghal excess ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) kif ukoll tmienja u ghaoxrin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm28.75) ghall-kiri ta' vettura alternattiva, imhallsa mill-istess Dennis Grima, bhala rizultat ta' l-incident tat-traffiku li sehh fl-1 ta' Dicembru 2000 ghal habta tas-2.10 p.m. gewwa Triq l-Arcisqof Mattei, Isla bejn il-vettura propjeta ta' l-attur Dennis Grima bin-numru DAS 364 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru HMY 212, liema incident sehh rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku min-naha tal-konvenut.

Ra r-risposta li giet prezentata mil-konvenut (fol. 9) u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident tat-traffiku.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. L-incident meritu ta' din il-kawza sehh fi Triq l-Arcisqof Mattei, Isla fl-1 ta' Dicembru 2000, proprju fejn hemm it-tarag kif indikat fl-iskizz li sar mill-pulizija li nvestiga l-kaz (Dok. AB2).

2. L-attur kien qieghed isuq il-vettura tat-tip Daihatsu Charade (numru DAS 364) filwaqt li l-konvenut kien qieghed isuq Ford Transit (numru HMY 212). Il-vetturi kienu qeghdin jinstaqu f'direzzjoni opposta ghal xulxin.

3. Fit-8 ta' Novembru 2002 sar access fuq il-post u li ghalih kienu prezenti s-sewwieqa assisti mill-avukati difensuri taghhom. Is-sewwieqa ndikaw il-post fejn sehh l-incident u qabblu li:

(a) Il-vann numru HMY 212 hareg min taht il-mina;

(b) Fuq ix-xellug tal-vettura DAS 364 kien hemm vetturi pparkjati. L-istess fir-rigward tal-vann HMY 212, b'dan li quddiem it-tarag ma kienx hemm vetturi pparkjati. Fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2002 Dennis Grima xehed: *"Fuq in-naha tax-xellug tieghi kien hemm vetturi pparkjati. It-tul kollu tat-triq kien hemm karrozzi pparkjati fuq ix-xellug tieghi. Anke fuq in-naha l-ohra tat-triq kien hemm il-karrozzi pparkjati"*. Fix-xhieda li ta fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2002, il-konvenut xehed: *"Fuq iz-zewg nahat tat-triq kien hemm vetturi pparkjati. L-incident sehh head on. Jiena l-isketch nikkonfermah"*.

(c) Fil-post fejh sehh l-incident hemm skola u kienu waslu biex johrogu t-tfal mill-iskola.

4. L-iskizz li jinsab ezebit fl-atti juri l-vann HMY 212 f'pozizzjoni angolata. Triq l-Arcisqof Mattei hija dritta. Il-posizzjoni tal-vetturi kif murija fuq l-iskizz tindika li z-zewg vetturi kienu qeghdin jinstaqu f'parti minnhom fuq in-naha l-ohra tat-triq. Jirrizulta li s-sewwieq tal-vettura DAS 364 kellu necessarjament jinvadi parti mill-karreggjata ghat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta, u dan biex jevita l-vettura li kienet wieqfa fil-kantuniera kif indikat waqt l-access. Zgur li f'dik il-parti tat-triq b'vettura pparkjata fil-kantuniera ma setax jghaddi jekk ma jesporgix il-barra.

5. Fir-rigward tal-vann HMY 212 dan ukoll jirrizulta li kien ghaddej parti minnu wrong side. Il-posizzjoni angolata tal-vann kif murija fl-iskizz Dok. AB2 (u anke l-hsarat) tikkonferma li qabel ma sehh l-impatt is-sewwieq ipprova jerga' jsib postu izda ma rnexxielux. It-Tribunal ma jaqbilx li l-incident kien wiehed *"head on"* kif xehed il-konvenut. Ghalkemm iz-zewg sewwieqa kkonfermaw li fuq in-naha tax-xellug tal-vann kien hemm karrozzi pparkjati hlief ghal fejn hemm it-tarag, it-Tribunal ma jifhimx li f'dawk ic-cirkostanzi kien hemm xi htiega/necessita li l-vann jinstaq parti minnu *wrong side*. Kif seta' jigi kkonstat waqt l-access, il-fatt li kien hemm vetturi pparkjati fuq in-naha tax-xellug tal-vann ma kien bl-ebda mod inaqqas mill-wisa' tal-karreggjata li kien ghaddej minnha l-van. Dan kuntrarjament ghal vettura numru DAS 364. Il-posizzjoni tal-vann kif murija fl-iskizz,

taghti lit-Tribunal x'jifhem li dan kien ghaddej (ghallinqas parti minnu) fuq il-karreggjata l-ohra u li mumenti qabel ma sehh l-incident is-sewwieq rega' pprova jidhol f'postu izda ma rnexxielux.

6. Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Richard Micallef vs Michael Debono** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 1993, ir-responsabbilta *"tigi determinata qabel xejn minn dawk il-fatturi li jkunu ipprovokaw l-incident u mhux mir-reazzjonijiet tas-sewwieqa fil-mument meta jigu rinfaccjati bil-possibilta ta' impatt. Dak li jigri f'dak il-mument u aktar u aktar fl-agony of collision hu generalment irrilevanti ghall-fini ta' responsabbilta"*. Insenjament li gie kkonfermat fil-kawza fl-ismijiet **George Borg et vs Margaret Grima** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Ottubru 1999.

7. Ghalkemm huwa minnu li sewqan f'nofs ta' triq ma jfissirx li hemm xi presunzjoni ta' htija, it-Tribunal jemmen li f'dan il-kaz iz-zewg sewwieqa huma responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza. Triq l-Arcisqof Mattei hija dritta u l-vizwali taz-zewg sewwieqa kienet wahda fit-tul. Jidher li ghalkemm kull wiehed mis-sewwieqa seta' facilment jara l-vettura l-ohra gejja mid-direzzjoni opposta qabel f'distanza li m'hijiex negligibbli, bi ftit prudenza dan l-incident seta' gie evitat. It-Tribunal jemmen li ghalkemm is-sewwieq tal-vettura Daihatsu bin-numru DAS 364 kellu ta bilfors jesporgi l-barra minhabba l-vettura li kien hemm ipparkjata fil-kantuniera, qabel ma gie biex ighaddi ma gemb din il-vettura kellu facilment jara l-vann HMY 212 tiela' mill-faccata in parti *'wrong side'*. It-Tribunal huwa tal-fehma li f'dawn ic-cirkostanzi s-sewwieq tal-vettura DAS 364 kellu l-obbligu li ma jipprovax jghaddi f'dik il-parti tat-triq fejn djieqet il-karreggjata minhabba l-vettura pparkjata fil-kantuniera, iktar u iktar meta setgha facilment jara li kien tiela' vann minn faccata li parti minnu kien ukoll *wrong side*. Huwa stess ikkonferma fix-xhieda li ta fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2002 li l-vettura l-ohra ra hierga minn taht il-mina u li *"l-ewwel darba li rajt din il-vettura kienet kemm kemm 'il barra ghal fuq il-karreggata tieghi"*. Kif setgha jigi kkonstat waqt l-access mill-mina sa fejn sehh l-incident hemm certu distanza. Fic-cirkostanzi is-

sewwieq tal-vettura DAS 364 seta’ facilment jipprevedi li ma kienx hemm wisa’ bizzejjed biex ighaddu zewg vetturi minn hdejn xulxin u b’hekk gie li qieghed lilu nnifsu f’sitwazzjoni fejn ma setax jirreagixxi tempestivament fil-konfront ta’ l-oncoming traffic, u cioe’ tal-vann misjuq mill-konvenut. It-Tribunal m’huwiex sodisfatt li s-sewwieq tal-vettura DAS 364 kien qieghed isuq bil-prudenza li kienu jiddettawlu c-cirkostanzi partikolari tal-kaz.  Prudenza li kienet timponi fuqu li ma jipprovax ighaddi minn mal-gemb tal-karrozza pparkjata fl-istess moment meta kien qed jilhaq il-vann misjuq mill-konvenut gejj mid-direzzjoni opposta.  Kieku kien qieghed izomm *a proper lookout*, kien ikun f’posizzjoni jara t-trajettorja tal-vann u li dan kien qieghed jinstaq maqlugh il-barra.

8. It-Tribunal qieghed ghalhekk jiddecidi l-kaz billi jakkolla r-responsabbilta ghal dan l-incident fuq iz-zewg sewwieqa f’sehem ugwali.

9. Dwar id-danni reklamati ma saret l-ebda kontestazzjoni u dawn jirrizultaw sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin lira Maltija u sitt centezmi (Lm232.06).

L-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-kontendenti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**